# FIL- PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 26 ta’ Ġunju 2025**

**Rikors numru 309/2023**

**Sankar Valliapan (K.I.212100A)**

**vs.**

**Identity Malta Agency**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta’ Sankar Valliapan ippreżentat fit-23 ta’ Marzu 2023, fejn huwa ippremetta li kien ċittadin Indjan li kien ilu Malta minn Ottubru 2018, li kien ippreżenta applikazzjoni ma Identità Malta sabiex jikseb permess ta' residenza marbut ma' xogħol u fl-4 ta' April 2022 din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata. Sussegwentement, huwa intavola appell lill-Bord tal-Immigrazzjoni fil-25 ta' Settembru 2022 u ngħata deċiżjoni fejn l-appell ġie rrifjutat Dok A. Illi kien hemm rifjut konsistenti min-naħa ta' Identità Malta, fuq il-bażi li t-talba tar-rikorrent kienet diġà deċiż u għalihom il-każ kien magħluq.

2. Għalhekk ir-rikorrent sostna li dan l-għamil amministrattiv kien imur kontra l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta peress li fil-25 ta' Settembru 2022 il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni kien

iddeċieda li jirrifjuta dak l-appell iżda dan kien sar mingħajr preġudizzju għal 'single permit application' li kien hemm pendenti f'ismu u kien għalhekk li dak il-Bord idderieġa lil Identità Malta sabiex kwalunkwe implikazzjoni li kien hemm f'isem ir-rikorrent tiġi ipproċessata u deċiża ai termini tal-liġi.

3. Meta l-impjegant il-ġdid Clinton Spiteri ipprova jkompli bl-applikazzjoni fis-sistema tal-Aġenzija Identità Malta is-sistema ma ħallitux ikompli bl-applikazzjoni. Anke meta l-Avukat tar-rikorrent ipprovat kemm il darba tagħmel appuntament ma' xi ħadd mill-Aġenzija identità Malta biex ifhemhom il-każ, dawn baqgħu inadempjenti. Għalhekk ir-rikorrent qed jilmenta minn dan ir-rifjut kontinwu da parti tal-aġenzija Identità Malta milli tħallieh ikompli jipproċessa l-applikazzjoni tiegħu u sostna li dan l-aġir kien wieħed ultra vires bi ksur tal-artikolu 469A 1(a) u (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kien għalhekk li r-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

i) Tiddikjara r-rifjut tal-aġenzija Identità Malta li taċċetta u tobdi l-ordni tal-Bord tal-Appell tal-Immigrazzjoni bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kapitlu 12 hu għalhekk null, invalidu u mingħajr effett;
ii) Tordna lill-konvenuta tirrevedi d-deċiżjoni tagħha ai termini tal-liġi u tħallih ikompli bl-applikazzjoni tiegħu sabiex jerġa' jingħata l-permess ta' residenza;
iii) Tiddikjara li minħabba l-egħmil amministrattiv tal-konvenuta jew ta' min minnha, ir-rikorrenti sofra danni;
iv) Tillikwida d-danni li ġew sofferti minnu
v) Tikkundanna lill-konvenuta jew lil min minnha sabiex iħallas lir-rikorrenti id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Aġenzija Identità Malta preżentata fid-19 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha opponiet għat-talbiet rikorrenti filwaqt li resqet għadd t'eċċezzjonijiet preliminari li sejrin jiġu dibattuti f'dan il-ġudizzju preliminari. Fil-fatt l-Aġenzija intimata, in suċċint, eċċepiet:

i. In-nullita tar-rikors promotur peress li ma kienetx saret id-debita interpellazzjoni kif meħtieġa a tenur tas-subartikolu wieħed ta' l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
ii. In-nullita tar-rikors promutur stante li ma kienx konformi mal-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-premessi ma kienux f'paragrafi enumerati

separatament kontra dak dispost fl-artikolu 156(7) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Li l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx applikabbli stante li ma kien hemm ebda deċiżjoni ta' rifjut awtomatiku li seta' jinkwadra ruħu taħt it-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" skont l-istess artikolu;

iv. Li l-azzjoni kienet perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

v. Li r-rikors ġuramentat kien null stante li r-rikorrent ma weriex b'mod ċar fit-talbiet tiegħu liema kienu s-subinċiżi tal-artikolu 469A li allegatament ġew leżi;

vi. Li d-deċiżjoni tal-Aġenzija datata 26 ta' Jannar 2022 ma setgħetx tiġi mistħarrġa għax skont l-artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrent kellu rimedju ordinarju t'appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, kif fil-fatt kien għamel, iżda b'mod *fuori termini*.

vii. Li t-tieni talba ma setgħetx tintlaqa peress li l-azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta ma setgħetx tintuża biex tordna l-Gvern jagħmel xi ħaġa iżda biss biex tħassar deċiżjoni amministrattiva u terġa' tqiegħed l-affarijiet fl-*istatus quo ante*.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Identita Malta ppreżentata fis-27 ta' Awissu 2024.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-15 ta' Ottubru 2024.

7. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

8. Rat li fil-verbal tas-27 ta' Frar 2025, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari numru 9 sa 15 fir-risposta ġuramentata ta' Identità Malta.

## B. FATTI TAL-KAŻ

9. Identita Malta kienet ħarġet permess ta' residenza lir-rikorrent fuq is-saħħa tal- L.S.217.17 (single permit) biex jaħdem ma' George Borg bħala *construction labourer*. Dan il-permess kien validu mit-28 ta' Diċembru 2020 sal-25 ta' Frar 2022. Ġara li għal ħabta ta' Frar 2021 ir-rikorrent kien mar żjara fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu iżda minħabba l-

imxija COVID-19 huwa stqarr li kien kostrett jibqa’ hemm sakemm irritorna lura Malta fit-18 ta’ Diċembru 2021, bi kwarantina a spejjeż tiegħu. Għalkemm ir-rikorrent isostni li matul dan iż-żmien huwa kien baqa’ f’kuntatt mal-impjegant tiegħu George Borg, irriżulta li fil-25 ta’ Jannar 2022 dan Borg kien informa lill-Aġenzija Identita Malta li r-rikorrent ma kienx għadu impjegat miegħu minħabba li kien naqas milli jirrapporta għax-xogħol wara li kien ħa *leave of absence* għal żmien twil. In segwitu għal din l-informazzjoni, fis-26 ta' Jannar 2022 l-Aġenzija rikorrenti irrevokatlu l-permess ta’ residenza. Din id-deċiżjoni ġiet debitament notifikata lir-rikorrent.

10. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni lil Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni b’talba datata 4 ta' Marzu 2022, iġifieri ferm wara li kien skadielu t-terminu tal-appell. Dan l-appell mid-deċiżjoni ta’ Identita Malta tas-26 ta' Jannar 2022 ġie trattat u deċiż fit-23 ta’ Settembru 2022.

11. Fil-frattemp, pendenti dak l-appell, fil-15 ta' Marzu 2022, ir-rikorrent ippreżenta applikazzjoni ġdida ma Identità Malta, din id-darba ma impjegant ieħor jismu Clinton Spiteri, liema applikazzjoni kienet sabiex huwa jibdel l-impjegant tiegħu. Irriżulta li l-Aġenzija Identita Malta qieset li din l-applikazzjoni ma setgħetx issir wara li l-permess preċedenti li kellu r-rikorrent ġie revokat minħabba li meta kienet qegħda ssir din l-applikazzjoni, l-istatus tar-rikorrent f’Malta kien dak ta’ persuna mingħajr permess ta’ residenza validu u għalhekk kienet minn persuna li kienet f’Malta b’mod irregolari skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni minħabba li kien skadielu ż-żmien massimu permissibbli biex ikun jista’ joqgħod f’Malta. Ir-rifjut ta’ din l-applikazzjoni kienet bis-saħħa t’ittra datata 4 t' April 2022, Dok A fol 20, notifikata lir-rikorrent l-għada.

12. Fit-23 ta' Settembru 2022, il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ċaħad l-appell peress li kien *fuori termine* iżda dderiġa lill-Aġenzija Identità Malta sabiex tipproċessa xorta waħda kwalunkwe applikazzjoni pendenti li kien hemm f' isem ir-rikorrent, Dok A fol 7. In segwitu Identita Malta ivverifikat jekk kienx hemm applikazzjonijiet pendenti f'isem ir-rikorrent iżda rriżulta li ma kienx hemm ebda applikazzjonijiet. Aġenzija Malta għalhekk qieset li l-każ kien magħluq. Mentri r-rikorrent sostna li ġaladarba huwa kien qiegħed jissokta bl-applikazzjonijiet tiegħu ma Identita Malta pendenti l-appell tiegħu, Aġenzija Malta kellha timxi mad-direzzjoni tal-Bord tal-Appelli u tħallih jagħmel l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu.

## C. ID-DISA’ EĊĊEZZJONI PRELIMINARI - LI MA SARITX ID-DEBITA INTERPELLAZZJONI A TENUR TAL-ARTIKOLU 460(1) TAL-KAPITOLU 12.

13. L-Aġenzija intimata eċċepiet li r-rikors ġuramentat kien null peress li ma saritx id-debita interpellazzjoni kif meħtieġa *ad validitatem* a tenur tal-Artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li mill-atti ta' din il-kawża ma rriżultax li r-rikorrent intavola ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontriha qabel għamel il-kawża u dan ġie konfermat fl-affidavit ta’ Dr. Chanel Bantick, *Senior Manager* fi ħdan l-Aġenzija. Fis-sottomissjonijiet tagħha l-Aġenzija intimata irriferiet għas-sentenza fl-ismijiet **Oliver Ruggier vs. Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Frar 2016, kif ukoll għas-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **V.G. Tiles Co. Limited vs. Malta Industrial Parks** tat-13 ta' Mejju 2010 fejn fil-qosor ġie mistqarr li din it-talba ġudizzjarja kienet meħtieġa qabel jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern u entijiet pubbliċi kwalifikati oħra b’piena ta’ nullita tal-proċeduri ġudizzjarji fin-nuqqas.

14. Min-naħa l-oħra r-rikorrent saħaq li din l-azzjoni kellha ssir fi żmien qasir ta' sitt xhur skont l-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 460(1) ma kienx japplika għal din l-azzjoni. B’hekk din l-eċċezzjoni preliminari ma setgħetx tiġi milqugħa. Inoltre, sostna li s-sentenzi Maltin kienu jaċċettaw illi l-mankanza tad-debita interpellazzjoni ma kienetx tannulla l-azzjoni.

15. L-artikolu 460(1) jgħid:

> Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi Awtorita mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali; jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-Awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi imfissra b'mod ċar.

16. Din kienet azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, fejn ir-rikorrent qed jilmenta mid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta fejn ċaħdet it-tiġdid tal-permess tiegħu biex jaħdem f'Malta u mir-rifjut tal-istess

Aġenzija li timxi ma dak direzzjonat mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni. L-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien jistipula li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma setgħet titressaq u ebda proċediment ma seta' jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita mwaqqfa bil-Kostituzzjoni qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b'ittra uffiċjali jew protest. Illi fil-każ in eżami, kien jidher biċ-ċar li ebda ittra uffiċjali jew protest ma ġie ippreżentat mir-rikorrent.

17. Huwa minnu li fil-passat, il-ġurisprudenza dominanti kienet dik li tagħti interpretazzjoni restrittiva lill-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn kull att ġudizzjarju li kien jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien jitqies irritu u null. [1]

18. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin jirriżulta kjarament li kien hemm bidla fil-ħsieb ġurisprudenzjali dwar dan il-punt, li kien jirrifletti iżjed sensibbilita lejn l-iżvilupp tal-jeddijiet tal-bniedem għal smiegħ xieraq u sħiħ ta' lmenti ġudizzjarji nonche l-aċċess kemm jista' jkun ħieles lejn l-organi tal-ġustizzja. Dan wassal biex l-interpretazzjoni restrittiva oriġinali ġie kemxejn rilassata u ffukata iżjed fuq il-fattispecie partikolari. Fil-fatt, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell dwar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-

---

[1] Ara **Gauci vs. Registratur tal-Qorti et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar 1990, **Dr. Louis Vella et vs. Ronald Grech et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju 1992; **Sunny Coast Caterers Limited vs. L-Awtorità tal-Ippjanar** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Lulju 2000. Ukoll fis-sentenza **Emmanuel Bugeja vs. Mary Rose Bugeja et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis- 26 ta' Ġunju 2003 ingħad:

> Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f'kawżi li fihom ikun imħarrek u ġie mfisser bħala regola ta ordni pubbliku u japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern........ Illi l-imsemmi privileġġ, jekk ma jitħarisx, iwassal għan-nullità tal-azzjoni li tkun ittieħdet bi ksur tiegħu.

Fil-każ **Salvatore Ellis et noe vs. Il-Kontrollur tad-Dwana** deċiżamill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' April 2003 ġie ritenut:

> Huwa deżumibbli mill-artikolu appena ċitat il-liġi tirrikjedi tassattivament il-preżentata ta' ittra uffiċjali jew ta' protest. Mhux hekk biss pero għax l-istess dispost jissokta jgħid li r-reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi l-att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jiġi ppreżentat fir-reġistru kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Fuq dan l-aħħar punt tajjeb li jingħad illi kif akkolt fil-ġurisprudenza anke f'każ illi r-Reġistratur ikun ippermetta l-preżentata taċ-ċitazzjoni l-istess ma tistax tissana in-nullità imposta mil-liġi.

Ara wkoll **Avv. Michele Cardinali noe vs. Il-Kumiissarju tal-Pulizija et** (563/19) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar 2020. Ukoll fil-każ **Domenico Savio Spiteri vs. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 1997, ġie ritenut li n-nuqqas t'osservanza tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhux talli jġib miegħu il-piena ta' nullità tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri, iżda jġib miegħu wkoll in-nullita ta' kull att relattiv u sussegwenti.

Qorti Ċivili ċitata mill-Aġenzija intimata fl-ismijiet **Oliver Ruggier vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (419/2014/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' April 2025, il-Qorti tal-Appell superjorment komposta ħassret u irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti tal-25 ta' Frar 2016, għall-motivazzjonijiet segewenti:

> Illum il-ġurnata l-Qrati Maltin għalhekk qed jadottaw raġunament aktar flessibbli, raġunat u jħaddan fih il-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-raġunament huwa wkoll konformi mad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq - li jinkorpora ġo fih id-dritt tal-aċċess għall-qrati – u mal-għan wara l-introduzzjoni ta' dan is-subartikolu fil-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta - li kien sabiex jagħtu l-opportunità lill-Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika, li jingħata avviż minn qabel li persuna kienet bi ħsiebha tibda proċeduri ġudizzjarji kontrih u dan ħalli b'hekk l-istess Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika ikollu ż-żmien biżżejjed biex joffri rimedju jew soluzzjoni għat-tilwima li tkun ingħalqet mal-privat.
>
> Fil-ġurisprudenza reċenti inħolqot distinzjoni bejn: i) dawk il-każijiet fejn il-Gvern ma jkun ingħata l-ebda preavviż - fis-sura ta' ittra uffiċjali jew proċess ġudizzjarju - qabel ma nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji akkużi kontrih iżda qabel ma fetħu l-istess proċeduri il-Gvern kien jaf bil-pretensjoni ta' l-attur u ii) dawk il-każijiet fejn il-Gvern ma jkun ingħata l-ebda preavviż qabel ma nfetħu l-proceduri appożiti kontrih u l-Gvern ma kienx jaf bil-pretensjoni ta' l-attur qabel ma nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji appożiti.
>
> Jekk il-Gvern diġa kien jaf bil-pretensjoni ta' l-attur qabel ma feġġu l-proċeduri appositi hu ma kellux bżonn preavviż - fis-sura ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju - peress li xorta waħda ma kienx ser ibiddel il-pożizzjoni tiegħu li kieku ngħata dak il-preavviż.
>
> F'każijiet bħal dawn għalhekk ma jkunx għaqli u ġust illi bħala rimedju għal dan in-nuqqas i.e. li ma ġewx osservati d-dettami tal-ewwel subartikolu tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi imposta l-invalidità tar-rikors promotur tal-attur, partikolarment peress li dan in-nuqqas ma joħloq l-ebda preġudizzju lill-Gvern jew lill-entità governattiva u huwa nuqqas purament formalistiku.

19. Din il-linja ta' ħsieb sa ċertu punt tekeġġa l-ħsieb fl-appell kostituzzjonali fl-ismijiet **Mark Formosa vs. Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et** deċiż fl-20 ta' Lulju 2020, fejn ingħad:

> Illi għalkemm l-għan illi l-Gvern jiġi nnotifikat bl-allegati nuqqasijiet tiegħu sabiex jingħata l-opportunità li jirrimedjahom huwa wieħed leġittimu u

permessibbli, is-sanzjoni ta' nullità imposta f'dan l-artikolu anke għall-iċken nuqqas fl-osservanza tar-regoli imposti, partikolarment meta moqrija fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-qrati li mhux biss hija inkonsistenti, iżda agħar minn hekk li frekwentament ixxaqleb lejn formaliżmu eċċessiv, twassal lil din il-qorti għall-konklużjoni illi din is-sanzjoni tmur oltre mill-għan illi dan l-artikolu huwa intiz u jiehu aktar is-sura ta' ostakolu għall-otteniment ta' rimedju da parti ta' ċittadin għal-pretensjoni tiegħu fil-konfront tal-Istat. Il-konsegwenza ta' nullità prevista mil-liġi, meħuda flimkien mal-formaliżmu esaġerat li bosta drabi jiġi adoperat mill-qrati, iwassal għar-riskju mhux biss ta' multiċiplità tal-kawżi, li suppost qed jiġi evitat permezz ta' dan l-artikolu, iżda wkoll it-telfien permanenti ta' jedd sostanzi da parti taċ-ċittadin li kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata aktar il fuq huwa impermissibbli għaliex limitazzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal qorti ma jistgħux ifixklu l-essenza nnifisha ta' dan id-dritt. Dan *multo magis* f'kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju fejn l-artikolu 460 jista' jkollu konsegwenzi devastanti fuq iċ-ċittadin billi, in vista tat-terminu ta' dekadenza qasir ta' sitt xhur, iwassal għal konsegwenza li l-kwistjoni fil-mertu ma tiġi mistħarrġa qatt.

20. Inoltre, fl-appell superjuri **Ayman Khalef vs. Il-Prim Ministru ta' Malta et** (1232/19/1) deċiż fis-26 ta' Ottubru 2022 ġie spjegat li l-iskop tal-preavviż a tenur tal-artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien li jagħti lill-Gvern l-opportunità li jkun jaf x'inhi l-pretensjoni tal-attur sabiex b'hekk huwa jkun jista' jindirizza l-ilment tiegħu qabel issir il-kawża. B'hekk dak l-iskop jintlaħaq ukoll jekk qabel il-kawża ikun sar rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li jkun ġie miċħud. Il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara f'din is-sentenza li l-Gvern ma' kellux jingħata vantaġġi bla bżonn u għalhekk l-artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kellu jiġi applikat u interpretat b'mod restrittiv.[2]

21. Dawn il-każijiet juru l-evoluzzjoni tal-interpretazzjoni tal-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li bidlet il-posizzjoni stretta u riġida oriġinali għal pożizzjoni aktar moderata u proporzjonata favur iż-żamma fis-seħħ tal-proċeduri ġudizzjarji kontra l-Gvern u entijiet pubbliċi kwalitifikanti minkejja li dawn ikunu ġew ippreżentati mingħajr ma jkunu preċeduti minn ittra ufficjali jew protest ġudizzjarju. Din l-evoluzzjoni ġiet rintraċċjata wkoll fl-appell ċivili superjuri **Paul Gauci vs. Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali** (573/2018/1) deċiż fit-18 ta' Ġunju 2024 fejn saret rassenja ġurisprudenzjali:

[2] Ara wkoll l-appell **Godfrey Ciangura vs. Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et** deċiż fit-8 ta' April 2024.

Fl-imgħoddi l-ġurisprudenza tal-qrati kienet li jekk kawża mnedija kontra l-Gvern jew kontra entità governattiva ma tkunx ġiet preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju tali nuqqas iġġib bħala konsegwenza l-invalidità ta' kull azzjoni li tiġi mressqa wara kontra l-Gvern. (Ara **Salvatore Cristauro vs Avukat Ġenerali tar-Repubblika et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ġunju 2001).

Ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Carmelo Armeni vs Direttur tas-Sigurta Soċjali et** deċiża fis- 27 ta' Frar 1996, li l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ftit li xejn iħalli spazju għall-ġudikant biex jeżerċita xi diskrezzjoni għaliex il-kliem huma ċari u r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma kellux jaċċetta dan l-att ġudizzjarju meta ġie ppreżentat.

Din il-fehma kienet riġida sal-punt, li ingħad li anke f'każ li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jkun ippermetta jew ħalla għaddejja l-preżentata tal-kawża, bi ksur ta' dan l-artikolu, l-istess preżentata ma tistax tissana n-nullità imposta mil-liġi (ara inter alia **Roger Sulivan nomine vs Kontrollur tad-Dwana deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 1993 u Ines Calleja et vd Gaetano Spiteri et** mill-Prim Awla Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 1991).

..../....

Ġara pero li aktar qrib għaż-żminijiet tal-lum, x'aktarx minħabba influwenzi ġejjin mill-iżvilupp fil-qasam tal-jedd tas-smigħ xieraq fejn għandu x' jaqsam ma' xkiel tal-jedd għall-aċċess għall-qrati, il-ġurisprudenza moderna, b'mod partikolari dik tal-Qorti tal-Appell bdiet tħares lejn l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'lenti aktar flessibbli, biex bil-mod il-mod il-ġurisprudenza moderna bdiet tinqata' u titbiegħed mill-fehma estrema u drastika li kienet issaltan qabel.

Biex wieħed jislet ftit eżempji wieħed jista' jibda billi jsemmi s-sentenza **Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-10 ta' April 2003, fejn ingħad li l-għan wara l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, viz. dak li jagħti lill-Gvern u lill-awtoritajiet pubbliċi l-opportunità li jiddefendu kif jixraq lilhom infushom f'każ li jittieħdu proċeduri kontra tagħhom, m'għandux jissarraf fiċ-ċaħda bla rażan tal-jedd taċ-ċittadin li ifittex id-drittijiet tiegħu fil-qrati. Sewwasew f'dak il-każ, ingħad li ma hemmx bżonn li wieħed joqgħod jibgħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju, qabel ma jibda proċeduri sabiex iżomm id-dikjarazzjoni maħlufa għall-ħlas ta' krediti tal-Gvern magħmula taħt l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili milli tikseb l-effett ta' ġudikat. Dan għaliex f'każ bħal dak ikun il-Gvern li jkun beda l-ewwel pass biex jikseb titlu eżekuttiv b'riħet id-

dikjarazzjoni maħlufa u mhux il-persuna li tkun qegħda tikkontesta dik id-dikjarazzjoni maħlufa.

..../....

Għalkemm għall-bidu ġurisprudenza kienet issostni li l-privileġġ imsemmi fl-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lanqas biss seta' jiġi rinunzjat mill-Gvern, maż-żmien il-qrati tagħna bdew jaċċettawh u jħalluh wkoll li l-Gvern jirrinunzja għal dan il-privileġġ waqt il-mixi tal-kawża, u dan minkejja li huwa stess kien qajjem l-eċċezzjoni tan-nullita b'mod formali fir-risposta maħlufa tiegħu (ara l-atti tal-kawżi **Avukat Dottor Tonio Azzopardi nomine vs Direttur tar-reġistru pubbliku** (Rik. 734/2009) u **George Schembri et vs il-Kummissarju tal-Artijiet et** (Rik. 663/2014) fejn il-Gvern kien irtira l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nullità tal-proċeduri minħabba nuqqas ta' ħarsien ta' l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, wara li kienu tqajmu kwistjonijiet ta' bixra kostituzzjonali dwar it-tħaddim ta' dak l-artikolu.

..../....

Iżda l-mod ta' kif il-qrati tagħna għandhom jinterpretaw u jħarsu lejn l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ħadet żvolta kbira ħafna bil-miġja tas-sentenza **Mark Formosa vs Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza jingħad li tħaddim ta' dan l-artikolu b'mod rigoruż jista' jwassal għal ksur tal-jedd tas-smiegħ xieraq, jekk jintwera li dan jispiċċa biex ixekkel il-jedd ta’ aċċess għall-l-qorti b'mod sproporzjonat. Minħabba f'hekk peress li dan l-istess artikolu tal-liġi jagħti opportunità lill-Gvern li jqajjem kwistjonijiet ta' proċedura li jwasslu għan-nullita ta' kawża, allura il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li huwa xieraq li sabiex jiġi żgurat il-jedd ta’ aċċess lill-qrati dan l-artikolu tal-liġi għandu jiġi applikat u interpretat b'mod flessibbli ħafna.

..../....

Hekk ukoll filwaqt li kien hemm żmien li l-qrati tagħna kienu jgħidu li l-privileġġ imsemmi fl-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lanqas biss seta' jiġi rinunzjat mill-Gvern u allura l-qorti kellha dmir li tqajjem tali privileġġ anke minn jeddha, pero bħala riżultat ta' bidla fil-ħsieb, il-qrati tagħna fi żminijiet aktar qrib għal-lum bdew anke jaċċettaw li jkomplu jisimgħu il-mertu tal-kawża, wara li l-Gvern jaċċetta li jirrinunzja għal dak il-privileġġ proċedurali mogħti lilu bil-liġi.

Jiġi b'hekk li għalkemm huwa vera li teżisti ġurisprudenza tal-imgħoddi li kienet tħares b'ċertu żelu żejjed lejn il-privileġġ tal-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sal-punt li dan kienet tqisu bħala

preċett ta' ordni pubbliku, b'danakollu x-xejra ġurisprudenzjali l-aktar riċenti m' għadhiex tqisu aktar bħala preċett ta' ordni pubbliku, tant li taffiet ħafna mill-effetti tiegħu u saħansitra anke warrbitu sabiex jiġi żgurat li ma jiġix imxekkel il-jedd taċ-ċittadin milli jkollu aċċess għall-qrati kif imħares taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

22. Għalkemm forsi wasal iż-żmien li anke issa l-Leġislatur jintervjeni biex jirrifletti dan l-għerf ġurisprudenzjali f'Liġi pożittiva li tibdel l-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jirrifletti din ir-realta ġurisprudenzjali attwali biex jassikura li jkun hemm koerenza u konsistenza futura, din il-Qorti tqis li għandha ssegwi dawn l-insenjament fi sforz ta' koerenza u konsistenza ma dak li ġie superjorment mgħallem mill-Qorti tal-Apell.

23. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-Aġenzija Identità Malta ma jistax jingħad li ġiet b'xi mod sorpriża jew maqbuda fuq sieq waħda mir-rikorrent meta dan intenta din il-proċedura ġudizzjarja kontra tagħha. Il-meritu tal-kontestazzjoni bejn ir-rikorrent u Aġenzija Identita Malta kien magħruf lit-tnejn li huma. Meta ir-rikorrent appella lill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u ingħatat is-sentenza esebita Dok A fol 7, dik l-istess deċiżjoni kienet idderiġiet lill-Aġenzija Identità Malta sabiex kwalsiasi 'single permit application' li kien hemm f'isem ir-rikorrent jiġi pproċessat. Inoltre, mill-atti proċesswali jidher li saħansitra qabel ingħatat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni u ċioè fil-5 ta' April 2022, l-Aġenzija Identita Malta diġà kienet bagħtet email lir-rikorrent bir-rifjut ta' dak pretiż minnu (fol 21).

24. Għalhekk ma jirriżultax li n-nuqqas tal-preżentata tal-ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel ma r-rikorrent fetaħ dan il-każ jista' jingħad li xekkel, jew poġġa f'xi diffikultà jew żvantaġġ indebitu lill-Aġenzija intimata b'mod li ssorprendiha jew qabadha fuq sieq waħda, jew li kien ser ibiddel xi ħaġa jew kien ser ikun ta' preġudizzju irrimedjabbli għall-Aġenzija intimata.

**Konsegwentement in vista tas-suespost, il-Qorti sejra tiċħad id-disa' eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija Identita Malta.**

## D. L-GĦAXAR EĊĊEZZJONI PRELIMINARI - NULLITA TAR-RIKORS STANTE LI MA KIENX KONFORMI MAL-ARTIKOLU 156(1)(a) TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA

25. L-Aġenzija intimata eċċepiet ukoll in-nullità tar-rikors promotur stante li ma kienx konformi mal-artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-premessi ma kienux f'paragrafi enumerati separatament u b'hekk skond l-artikolu 156(7) tal-istess Kapitolu r-Reġistratur ma kellu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma kienx jissodisfa l-elementi tas-sub-artikolu 1.

26. L-Aġenzija intimata sostniet li hija kienet ben konxja li l-Qrati tbegħdu mir-rigorosita proċedurali, iżda b'daqshekk ma kienx ifisser li l-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma baqgħax iktar tassattiv dwar ir-rekwiżiti proċedurali li għandu jkun fih l-att promotur. Ir-rikorrent kellu kull opportunità li fil-mori tal-proċeduri jitlob lil din il-Qorti tawtorizza korrezzjoni sabiex dan in-nuqqas jiġi sanat.

27. L-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

1. Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih-
a. Dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;
b. ir-raġuni tat-talba;
c. it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati;
d. F'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-qorti dan il-kliem li ġej:

"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, cjoe minn meta jirceviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi il-qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi, għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

28. Din l-eċċezzjoni kellha tiġi abbinata, moqrija u interpretata mal-artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

1. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata-
a. jekk in-nullita hija dikjarata mil-liġi espressament;
b. jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
c. jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob In-nullita, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xorta oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
d. jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi.

Iżda dik l-eċċezzjoni ta’ nullita kif maħsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.
2. L-eċċezzjoni ta’ nullita ta’ att taħt is-subartikolu (1)(ċ) ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu isiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullita.

29. Għalkemm l-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta kien jimponi rekwiżiti stretti u rigorużi, madankollu huwa prinċipju stabbilit li fejn si tratta dwar kwistjoni ta' forma tal-att kellha tapplika l-massima *ut magis res valeat quam pereat*. Fejn kien possibbli, diment li ma tiġix miksura xi disposizzjoni oħra tal-liġi, l-att promotur kellu jiġi salvat. L-eċċezzjoni tan-nullità ta' att ġudizzjarju kellha tiġi mistħarrġa b’ċirkospezzjoni. Fejn jirriżulta li l-intenzjoni kif impostata ma kienetx tikser id-drittijiet tal-intimat li jiddefendi ruħu, l-eċċezzjoni ma' kellhiex twaqqaf il-prosegwiment tal-każ.[3]

---

[3] Ara f’dan is-sens l-appell ċivili **Guido J. Vella A.&CE vs. Dr. Emanuel Cefai LL.D**. deċiż fl-4 ta’ Novembru 1991, fejn intqal:

> Meta f’citazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma jew kontravenzjoni ta' l-artikolu 156(1)(a), għax ma jkunx fiha tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità ta' citazzjoni tista tiġi milqugħa biss kemm il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġabet lill-parti li titlob in-nullita preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.
>
> F’dawn il-każijiet huwa dejjem opportun illi il-qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċita u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni ta' nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi; in- nullita ta' l-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.

Illi kif ingħad fil-każ **Victoria Lorraine Bonnici et vs. Silvio Demicoli u USL Services Limited** (1216/2008) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta’ Diċembru 2014:

> Il-premessi u t-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara r-rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit hemm il-prinċipju li dik il-parti mħarrka trid tingħata l-fakulta li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha minn pretensjoni ta' min iħarrikha.

Ara wkoll **Associated Supplies Limited vs. Joseph Mizzi** (1163/2011) deċiża fl-4 ta’ Ottubru 2023 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

Ġie wkoll ritenut li l-liġi ma kienetx tirrikjedi kliem partikolari kif kellha ssir iċ-ċitazzjoni, dment li kien jiftiehem biżżejjed xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b’mod li l-kawżali setgħet tkun espressa lakonikament u saħansitra setgħet tkun anki dedotta mid-domanda. Ara wkoll **Mario Mizzi noe et vs. Mario Grech noe et** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fit-3 ta’ Ottubru 2003; **Anthony Holland et vs. Jesmond Pullicino et** (305/2014) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta’ Lulju 2016; **Jonah Caruana et vs. Kummissarju tal-Artijiet** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Jannar 2016.

30. Fis-sentenza **K.B. Real Estate Limited vs. Silvio Felice Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 2003 intqal:

> Il-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawża ma tkunx imfissra b'mod sod jew saħansitra mifgħuma jew implikata mit-talba nnifisha........
> ..../....
> Fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet infishom, il-qrati għandhom iqisu b'ċirko spezzjoni eċċezzjoni ta' nullità ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha, u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur...
> ..../....
> Jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża, ma jġibx preġudizzju serju li l-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjonijiet.........

31. Fil-kawża **Pietro Paolo Camilleri et vs. Filippo Galea** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju 1991, u fl-appell ċivili **Raymond Galea vs. Anthony Galea** deċiż fit-30 ta' Marzu 1998 intqal:

> Huwa prinċipju inderogabbli li l-azzjoni kontenuta fil-premessi u fid-talbiet li għalihom iwasslu, irid mhux biss jirriżulta dak in-ness ġuridiku bejn il-premessi u it-talbiet, b'mod li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-artikolu 156, imma huwa wkoll meħtieġ *ad substantia et validitatem*, illi l-azzjoni tkun waħda kjarament identifikabbli fil-liġi, u dan fil-parametri tal-att ta' ċitazzjoni kif redatt. L-artikolu 156 jimponi fuq l-attur li jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għaliex kien qed jitlob dak l-oġġett u illi kemm l-oġġett kif ukoll lir-raġuni tkun imfissra ċar u sewwa.

32. Il-Qorti riedet għalhekk tistħarreġ jekk l-eċċezzjoni tan-nullita tal-att kienetx imputabbli għal difett ta' forma, jew għal difett ta' sustanza bħala nuqqas sostantiv, liema difett ma kienx ikun jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju tal-ġustizzja proċedurali.[4]

33. L-eċċezzjoni tan-nullità tal-att kienet imsejsa fuq in-nuqqas ta' lista elenkata f'paragrafi fir-rikors promotur u b'hekk nuqqas ta' formalita. Ilmentat li r-Reġistratur ma kellu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma kienx jissodisfa l-artikolu 156(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din allura hija eċċezzjoni perjnata fuq nuqqas ta' formalita li qajla jista' jingħad li b'xi mod tippreġudika lill-intimata.

[4] Ara l-appell ċivili **Ellul vs. Gera De Petri et** deċiż fil-21 ta' Mejju1995 (Kollez. Vol. LXXIX.ii.434).

Għalkemm in-nuqqas lamentat jirriżulta, dan ma jistax jingħad li b'xi mod għandu jwassal għan-nullita tar-rikors promotur.

**Għalhekk il-Qorti sejra tiċħad l-għaxar eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija Identità Malta.**

## E. IL-ĦDAX IL-EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – L-INAPPLIKABBILITA TAL-ARTIKOLU 469A TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA

34. L-Aġenzija intimata saħqet li l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx applikabbli stante li ma kien hemm ebda deċiżjoni jew rifjut awtomatiku li setgħa jinkwadra ruħu taħt it-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv' skont l-art 469A(2) tal-istess Kap u l-proviso tiegħu. Hija qalet li din l-eċċezzjoni kienet bażata fuq il-fatt li l-eżekuzzjoni o meno ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ma kienetx deċiżjoni amministrattiva jew egħmil amministrattiv. B'hekk l-allegat nuqqas imsemmi mir-rikorrent ma setgħas ikun suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju.

35. L-artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> "egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni, jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.
> Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabilixxi perjodu li fih awtorita pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorita u din l-awtorita tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkotitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;
> "awtorita pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorita bil-ligi li johorgu *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.

36. L-ilment tar-rikorrent kien jistrieħ kemm fuq l-allegata inazzjoni tal-Aġenzija intimata li skontu ma segwietx id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni <u>kif ukoll</u> fuq id-deċiżjoni tar-rifjut tas-Single Permit Application riflessa fl-ittra datata 5 ta' April 2022, fol 20-21. Indipendentement minn kemm l-ilment kien jimmerita li jiġi milqugħ fis-sustanza tiegħu, jibqa' l-fatt li ż-żewġt atti lamentati

jimplikaw forma ta’ azzjoni da parti tal-Aġenzija intimata li ssarraf fl-att ta’ rifjut, imsemmi mill-istess artikolu ċitat.

**Konsegwentement, il-Qorti sejra tiċħad ukoll il-ħdax-il eċċezzjoni preliminari tal-Agenzija intimata.**

## F. IT-TNAX IL-EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – L-AZZJONI KIENET PERENTA AI TERMINI TAS-SUBINCIZ (3) TAL-ARTIKOLU 469(A) TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA’ MALTA

37. L-Awtorita intimata eċċepiet ukoll li l-azzjoni tar-rikorrent kienet perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

38. Din l-Aġenzija sottomettiet li ġaladarba l-eżekuzzjoni o meno tas-sentenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ma kienetx mertu li setgħa jiġi mistħarreġ bħala egħmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A, l-unika deċiżjoni tal-Aġenzija fil-konfront tar-rikorrent li kien jifdal kienet dik mogħtija minnha fil-5 ta' April 2022, fejn kienet irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent għal ħruġ ta' permess uniku. Iżda ġaladarba r-rikorrent ma ressaqx azzjoni fi żmien sitt xhur, (it-terminu stipulat fl-istess artikolu) minn meta sar jaf b'din id-deċiżjoni tal-5 ta' April 2022, l-azzjoni għal stħarriġ minn din il-Qorti dwar din id-deċiżjoni kienet perenta minkejja l-fatt li r-rikorrent kien qiegħed jipprova jibni t-talba għal stħarriġ fuq id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

39. Minn naħa tiegħu ir-rikorrent sostna li t-terminu ta' sitt xhur beda jgħodd minn meta sar jaf bl-att amministrattiv. Huwa għamel referenza biss għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni datata 23 ta’ Settembru 2022 u fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent m’aċċennax għall-fatt li huwa kien ilmenta wkoll mid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata li rrifjutatlu l-permess uniku kif notifikata lilu fil-5 ta’ April 2022 (fol 20-21).

40. Skont tal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju kellha ssir fi żmien sitt xhur minn dak inhar li jseħħ l-att amministrattiv lamentat.[5]

---

[5] Ara **Nikol Borg vs. Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru** (1829/2000/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006; **Joseph u Josephine Camilleri vs. Kummissarju tal-Artijiet et** (25/2000/1) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Lulju 2004.

41. L-argument li l-Aġenzija Identità Malta ma obdietx l-ordni fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Immigrazzjoni tressaq f'din il-kawża fiż-żmien statutorju in kwantu d-deċiżjoni tal-Bord imsemmi ingħatat fit-23 ta' Settembru 2022 u ġiet notifikata lilu wara. Ġaladarba din il-kawża ġiet intavolata fit-23 ta' Marzu 2022, jirriżulta sal-grad tal-probabbli li t-terminu statutorju ġie rispettat.

42. Iżda l-Qorti rat ukoll li r-rikorrent jinkludi wkoll id-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità Malta tar-rifjut tal-permess uniku li ġiet notifikata lilu fil-5 ta' April 2022 (fol 20-21) bħala parti mill-ilment tiegħu. Issa dwar dan il-fatt jirriżulta li ma hemmx prova li minn din id-deċiżjoni tal-5 ta' April 2022 ir-rikorrent kien interpona xi appell quddiem il-Bord jew li għamel xi proċedura ġudizzjarja oħra qabel din. Ir-rikorrent donnu jrid jorbot ir-rifjuti tal-Aġenzija intimata kollha f'daqqa minħabba l-allegat rifjut tagħha li tippermettilu jġedded il-permess tiegħu minkejja d-direzzjoni mogħtija mill-Bord fis-sentenza tiegħu.

43. Issa d-deċiżjoni tal-Bord kienet titratta prinċipalment id-deċiżjoni tar-revoka tal-permess tar-residenza tiegħu mill-Aġenzija intimata. Minn qari tad-deċiżjoni tal-Bord eżebita jirriżulta li matul it-trattazzjoni tal-każ tar-rikorrent quddiem il-Bord, Dr. Karlsson għar-rikorrent kienet għamlet aċċenn għall-fatt li wara dik ir-revoka r-rikorrent kellu impjegant prospettiv li xtaq iħadmu miegħu fis-settur tal-kostruzzjoni u li kien fi bżonn iddisprat għas-servizzi tiegħu. Dan l-impjegant issemma' bħala Clinton Spiteri li dak iż-żmien kien għadu jrid jimpjega lir-rikorrent. Kien ġie mistqarr ukoll li dik l-ipproċessar ta' dik l-applikazzjoni ġdida kienet sofriet xi dewmien ta' xi ftit ġimgħat peress li ma kienx faċli li jsib xogħol ġdid fiż-żmien ta' għaxart ijiem preskritti, sakemm wieħed ma kellux ix-xogħol l-ieħor qiegħed jistennieh.[6] L-applikazzjoni magħmula minn dan l-impjegant ġdid kienet saret fl-14 ta' Marzu 2022. Meta kienet saret il-proċedura tal-appell fid-9 ta' Marzu 2022, għalhekk, l-applikazzjoni l-ġdida għall permess uniku kienet għadha ma saretx. U deċiżjoni fuqha mill-Aġenzija intimata, l-anqas. Iżda din il-Qorti tifhem li allura l-kummenti tal-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni fid-deċiżjoni tiegħu dwar il-fatt li r-rikorrent kellu applikazzjoni (għal permess uniku) li kienet pendenti saru wara li daħlet l-applikazzjoni l-ġdida fl-14 ta' Marzu 2022; iżda ma hemm ebda ċenn dwar l-eżitu tagħha f'din id-deċiżjoni.

[6] Ara paġna 31 fejn hemm il-kopja tad-deċiżjoni tal-Bord de quo.

44. Inoltre jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Stephanie Spiteri żewġha Clinton kien ipprova jinġaġġa lir-rikorrent fi Frar 2022, bl-engagement form issir fi Frar 2022, u l-applikazzjoni mal-Aġenzija intimata ssir fil-15 ta' Marzu 2022. Din tikkonferma wkoll li din l-applikazzjoni ġiet rifjutata f'April 2022. Iżda tilmenta li hija pruvat għal diversi drabi terġa ddaħħal applikazzjoni oħra iżda l-portal ta' Identita Malta ma kienx qiegħed iħallia tagħmel dan. Fil-fatt tgħid li wara l-ewwel pagament li sar kwalunkwe tentattiv biex terġa tapplika jew tkompli bl-istess applikazzjoni beda jiġi rifjutat. Iżżid tgħid ukoll li wara ġiet infurmata li l-appell kien irriżulta fil-pożittiv u li setgħet tipprova tkompli tapplika taħt l-istess applikazzjoni, iżda s-sistema informatika ta' Identity Malta ma kienetx qed tħalliha tkompli b'dik l-applikazzjoni. Fix-xiehda tagħha viva voce Stephanie Spiteri tikkonferma wkoll li wara li kienet ġiet rifjutata dik l-applikazzjoni minn Identita Malta hi reġgħet kompliet tapplika għax qalet li r-rikorrent kellu rikors, li ġie aċċettat. L-Avukatessa tar-rikorrent qaltilha li setgħet tapplika u kien għalhekk li x-xhud reġgħet daħlet fuq is-sistema tal-informatika ta' Identita Malta reġgħet applikat imma din baqgħet tiġiha ħamra, tiġiha blocked. Biss a fol 72 tikkonferma wkoll li għaliha l-pagament għall-applikazzjoni kien sar fil-15 ta' Marzu 2022 u fil-fehma tagħha kienet dik l-applikazzjoni li kienet għadha għaddejja. Iżda mbagħad a fol 73 tagħraf li dik l-applikazzjoni kienet l-istess waħda li ġiet rifjutata f'April 2022. Kien wara dak ir-rifjut li hija pruvat imbagħad tagħmel applikazzjoni oħra fuq is-sistema informatika tal-Identita Malta iżda din ma kienetx qed tħalliha u taċċettaha. Ix-xhud kienet tibda tagħmel il-proċess iżda s-sistema ma kienetx tħalliha tkompli u f'dan is-sens għamlet riferenza għad-dokument eżebit a fol 62. Fuq domanda tal-avukat tar-rikorrent ix-xhud wieġbet li għaliha, il-fatt li għamlet dik l-applikazzjoni f'Marzu, dik l-applikazzjoni kienet għadha pendenti peress li kienu għadhom fl-appell.

45. Iżda indipendentement x'kienet taħseb din ix-xhud, jibqa' l-fatt però li l-appell li kien pendenti kien dwar id-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-permess tar-residenza datata 26 ta' Jannar 2022. Dak l-appell ma kienx dwar id-deċiżjoni li titkellem dwarha dik ix-xhud li ġiet mogħtija fl-4 t'April 2022. Din id-deċiżjoni ta' rifjut tal-permess uniku inħarġet mill-Aġenzija fl-4 t'April 2022 u ġiet notifikata lir-rikorrent b'email l-għada 5 ta' April 2022. Dwar din id-deċiżjoni ma jirriżultax li r-rikorrent interpona appell minn dik id-deċiżjoni lil Bord skont ir-regolament 20 tal-L.S. 217.17 tal-Liġijiet ta' Malta jew għamel xi proċedura ġudizzjarja oħra dwarha apparti din.

**Allura dan kien ifisser li t-tnax-il eċċezzjoni tal-Aġenzija Intimata kwantu bażata fuq l-ilment tar-rikorrent dwar id-deċiżjoni tal-Aġenzija Intimata għar-rifjut ta' Single Work Permit, speċifikatament għad-deċiżjoni ta' rifjut fol 21 tal-proċess kienet timmerita li tiġi milqugħa, iżda kellha tiġi miċħuda rigward l-ilment tar-rikorrent dwar ir-rifjut tal-Aġenzija Intimata li taċċetta l-ordni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fid-deċiżjoni Dok A.**

## G. IT-TLETTAX IL-EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – NULLITA TAR-RIKORS GĦALIEX IR-RIKORRENT KELLU JINDIKA BIĊ-ĊAR LIEMA KIENU S-SUBINĊIŻI TAL-ARTIKOLU 469A LI ĠEW LEŻI.

46. Fit-tlettax-il eċċezzjoni preliminari ġie eċċepit li r-rikors ġuramentat kien null għax ir-rikorrent kellu jindika biċ-ċar fit-talbiet tiegħu liema kienu s-subinċiżi tal-artikolu 469A li allega li ġew leżi, liema nuqqas min-naħa tar-rikorrenti ħolqot preġudizzju serju lill-intimat fid-difiża tiegħu.

47. Fir-risposta saret riferenza għal kawża fl-ismijiet **Sciortino et vs. Micallef** (Kollez. Vol: XLIII.ii.748) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ġunju 1959 filwaqt li fis-sottomissjonijiet tal-Aġenzija Intimata ġie mistqarr li kien stabbilit li 'hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakulta li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha.'[7] Fis-sottomisjonijiet saret ukoll referenza partikolari għall-artikolu 789(1)(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

48. F'din l-eċċezzjoni ġie sostnut li r-rikors kien jonqos mill-ħtieġa tal-kjarezza tal-azzjoni in kwantu dan seta' jkun ta' preġudizzju għaliex ma kienx jispeċifika ċar liema subinċiżi tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienu qed jiġu allegatament leżi.

49. Issa l-Qorti rat li fil-premessi tiegħu ir-rikorrent għamel aċċenn għar-rifjut kontinwu da parti tal-aġenzija Identità Malta li tħalli lir-rikorrent milli jkompli jipproċessa l-applikazzjoni tiegħu bħala li kien att *ultra vires* bi ksur tal-artikolu 469A (1) (a) u (b) (ii) (iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu li mbagħad sussegwentement fit-talbiet ma saretx referenza speċifika għal dawn is-subinċiżi. Madankollu, minn qari tal-premessi u t-talbiet li l-ilment

---

[7] **Joseph Pisani et vs. Mario Vella** (1246/2008 JZM) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ġunju 2010.

prinċipali tar-rikorrent kien jinftiehem li jirrigwarda ir-rifjut kontinwu ta' l-aġenzija Identità Malta li ma ħallitux ikompli bl-applikazzjoni tiegħu ossija bl-applikazzjoni għal 'single work permit'. Konsegwentement, ir-rikorrent qed jilmenta mir-rifjut tal-Aġenzija li tkompli bl-applikazzjoni in kwistjoni, kif, skont l-istess rikorrenti, ġiet diretta tagħmel l-Aċenzija fid-deċiżjoni tal-Bord eżebita bħala Dok A.

50. Fejn ma kienx hemm kontradizzjoni bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, eċċezzjonijiet ta' nullita ta' att ġudizzjarju kellhom jitqiesu b'ċirkospezzjoni, in kwantu fejn kien jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-intimat talbiet għan-nullita ma kellhomx jiġu milqugħa.[8]

51. F'dan il-każ, minn qari tal-premessi u t-talbiet irriżulta li din kienet azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma kien hemm l-ebda taħlit ta' kunċetti li ma kienux joqogħdu flimkien jew xi kontradizzjoni bejn il-premessi u t-talbiet jew it-talbiet infushom.

52. Fid-dawl ta' dak indikat fl-aħħar paragrafu tal-premessi kif ukoll it-talbiet kif impostati, jirriżulta li l-Aġenzija intimata ma setgħatx tistrieħ aktar fuq l-eċċezzjoni sollevata li tista' tkun ippreġudikata għax minn dak premess u mitlub kien jirriżulta qar li r-rikorrent sejjes talba lil din il-Qorti biex tistħarreġ l-egħmil tal-Aġenzija intimata ai termini tal-artikolu 469A (a)(b) (i) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsegwentement il-Qorti sejra tiċħad it-tlettax il-eċċezzjoni preliminari.**

## H. L-ERBATAX IL-EĊĊEZZJONI PRELIMINARI – IR-RIKORRENT KELLU RIMEDJU ORDINARJU LI JAPPELLA QUDDIEM IL-BORD TAL-APPELLI.

[8] Ara **Capua Palace Limited vs. Arcidiocono Boris** deciza fil-31 ta' Jannar 2003; **Anthony Holland et vs. Jeanette Pullicino et** (305/2014) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2016; **Carmelo Bonnici vs. Eucharistico Zammit noe et** Appell Kummerċjali deċiż fl-20 ta' Jannar 1986.

Kif ribadit fil-każ **The Margarine Import Company Limited vs. Kontrollur tad-Dwana** deċiż mill-Prim' Awla fit-3 ta' Ottubru 2003:

> Jingħad in linea ta' massima illi it-teorija l-aktar aċċettabbli mill-qrati f'każijiet ta' nullità tal-atti hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita u mhux in-nullita ta' l-att. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi n-nullitajiet għad-defiċjenzi proċedurali għandhom jiġu skuraġġati u fejn hu possibbli l-atti jiġu salvati. Inghad ukoll, li skont l-insenjament tal-Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol 1 par 43) 'in-nullita e un mezzo estremo cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita.'

53. Permezz tal-erbatax-il eċċezzjoni ġie sostnut li safejn jirrigwarda d-deċiżjoni tal-Aġenzija datata 26 ta' Jannar 2022, din id-deċiżjoni ma setgħatx tiġi mistħarrġa ai termini tal-artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li jappella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kif fil-fatt għamel iżda b'mod *fuori termine* bir-riżultat li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni iddeklina milli jeżamina l-mertu tal-kwistjoni. Għalhekk, ġie sostnut li din il-Qorti kellha tiddeklina milli tistħarreġ din id-deċiżjoni.

54. L-artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

> Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.

55. L-Aġenzija intimata sostniet li ġaladarba r-rikorrent kellu rimedju li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Aġenzija permezz ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni dan kien ifisser li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 ma setgħux japplikaw. Jekk jintwera li persuna ma tkunx inqdiet bir-rimedju disponibbli b'mod kapriċċuż, ma kienx ikun xieraq li din imbagħad iddur għal azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-imsemmi artikolu 469A.

56. F'dan il-każ ir-rikorrent intavola appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni mid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tas-26 ta' Jannar 2022; iżda l-appell li intavola kien *fuori termine*. Jirriżulta b'mod ċar mid-dokument esebit Dok A fol 7, li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ċaħad l-appell, proprju minħabba l-fatt li l-każ ġie ppreżentat *fuori termine*. Madankollu fid-deċiżjoni il-Bord tal-Appelli kompla jgħid hekk:

> The board directs that any and all Single Permit applications in the appellant's name be processed and decided upon according to law.

57. Ir-rikorrent sejjes il-kawża tiegħu ma' dan il-punt naxxenti mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli, fejn ilmenta li r-rifjut tal-Aġenzija intimata li tħallih ikompli bl-applikazzjoni għal Single Work Permit kien bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan kien allura jiddifferenzja l-punt sollevat mill-Aġenzija intimata f'din l-eċċezzjoni ma dak effettivament mitlub mir-rikorrent.

**Għaldaqstant, il-Qorti kienet sejra tiċħad l-erbatax il-eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija Identità Malta.**

## I. IL-ĦMISTAX IL-EĊĊEZZJONI – IT-TIENI TALBA MA SETGĦETX TINTLAQA'.

58. Fl-ħmistax-il eċċezzjoni ġie sostnut li t-tieni talba fir-rikors promotur ma setgħatx tintlaqa' għax l-azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma setgħax tintuża biex tordna lil-Gvern jagħmel xi ħaġa iżda setgħat tintuża biss biex tħassar deċiżjoni amministrattiva u terġa' tqiegħed l-affarijiet fl-*istatus quo ante*. F'dan is-sens l-Aġenzija intimata irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **David Gatt vs. Prim Ministru Dr Edward Fenech Adami u l-Kummissarju tal-Pulizija** (1548/2001/1) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' April 2009.

59. Min-naħa l-oħra fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent ġie mistqarr li t-talba kif dedotta kienet diretta tħassar deċiżjoni amministrattiva u terġa' tqiegħed l-affarijiet fl-*istatus quo ante*.

60. Fit-tieni talba r-rikorrent talab ir-reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità Malta sabiex ir-rikorrent jerġa' jingħata l-permess ta' residenza. Minn dan il-kliem kien jidher evidentement li t-talba titratta t-tħassir ta' deċiżjoni amministrattiva, u, bħala konsegwenza, sabiex ir-rikorrent jerġa' jingħata l-permess ta' residenza. Dak li kien qed jintalab kien fit-termini ta' tħassir ta' deċiżjoni amministrattiva u sabiex is-sitwazzjoni titreġġa lura għall-*istatus quo ante*.

**Għaldaqstant, fid-dawl tat-tieni talba kif impostata, din il-Qorti kienet sejra tiċħad il-ħmistax-il eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija Identità Malta.**

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda :**

**(a) tiċħad id-disa', l-għaxar, il-ħdax, it-tlettax, l-erbatax u l-ħmistax-il eċċezzjoni preliminari;**

**filwaqt li**

**(b) tilqa' t-tnax-il eċċezzjoni preliminari tal-Aġenzija Identità Malta limitatament b'referenza għall-ilment tar-rikorrent dwar id-deċiżjoni tal-Aġenzija Identità Malta għar-rifjut ta' 'single work permit' speċifikatament għad-deċiżjoni tar-rifjut a fol 21 tal-proċess,**

**iżda**

**(c) tiċħad il-kumplament tal-istess eċċezzjoni numru tnax rigward l-ilment tar-rikorrent dwar ir-rifjut tal-Aġenzija Identità Malta li taċċetta d-direzzjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fid-deċiżjoni Dok A.**

**Konsegwentement, tordna l-prosegwiment tal-każ fil-meritu.**

**Spejjeż riżervati mal-ġudizzju finali.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**